KUNSILL LOKALI TAL-IMSIDA

**MINUTI**

**Laqgħa tal-Kunsill Lokali tal-Imsida**

# ID-DISA' LEĠIŻLATURA

## Laqgħa Numru 10

**It-Tlieta 10 ta' Diċembru 2024**

Il-Kunsilli Lokali tal-Imsida ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fi Pjazza Menqa fil-5:34 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI:**

Charles Selvaggi – Sindku
Christine Amaira – Viċi Sindku
Margaret Baldacchino Cefai – Kunsillier
Maurice Agius – Kunsillier
Jean-Claude Borg – Kunsillier
Nicholas Joseph Chircop – Kunsillier
Alfred Farrugia – Kunsillier
Andrew Mallia – Kunsillier
Christopher Borg – Kunsillier

**ASSENTI B'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):**

**ASSENTI**

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Josette Micallef – Segretarju Eżekuttiv (SE)

## Minuti

## 10.1 Qari tal-Apoloġiji

10.1.1 Is-SE infurmat li ma kienx hemm ittri ta' apoloġiji.

## 10.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti Nru 10

10.2.1 Is-Segretarju Eżekuttiv (SE) preżentat il-minuti tal-laqgħa numru 10, li kienu meqjusa moqrija.

10.2.2 Fuq talba tal-Kunsillier JC Borg fir-rigward ta' para. 9.2.2, kien hemm qbil li l-kelma *flyer* kellha taqra *flyover*.

10.2.3 Fuq talba tal-Kunsillier Agius kien hemm qbil li tiddaħħal il-kelma 'tat-tfal' wara 'purċissjoni' f'para. 9.4.3.

10.2.4 Dwar para. 9.4.11 u fuq talba tas-Sindku kien hemm qbil li jiddaħħlu l-kliem 'u l-kunsilliera' wara l-kliem 'mill-amministrazzjoni tal-Kunsill'.

10.2.5 Dwar para. 9.5.1 kien hemm qbil li l-kliem 'kienu taħt l-impressjoni', għandhom jinbidlu għal 'kellhom il-fehma'.

10.2.6 Dwar para. 9.5.18, u fuq proposta tal-Kunsillier C. Borg, kien hemm qbil li l-paragrafu kollu jaqra kif ġej:

10.2.7 Fuq proposta tal-Kunsillier C. Borg kien hemm qbil li jiġi kreat sottokumitat dwar il-fondi tal-UE, it-tmexxija u l-implimentazzjoni tagħhom, u li fuqu jkun hemm hu bħala ċ-Chairman, il-Kunsillier Baldacchino Cefai u s-Sur Alexander Cachia Zammit, li kien diġà qed jagħmel proġett tal-EU fil-leġiżlatura preċedenti. Il-Kunsill iddiskuta wkoll il-proġett Sublime Eu li ntrebaħ b'suċċess ma' konsorzju internazzjonali. Il-proġett jitratta l-SDG's. Huwa informa li kienu se jieħdu ħsieb li jgħaddu rapport lill-Kunsill kull tliet xhur. Sadanittant kien hemm qbil ukoll li l-Kunsill għandu jimpjega persuna għal numru ta' sigħat fix-xahar biex tagħti daqqa t'id fuq il-proġett inniffsu u l-ħlas ikun mill-fond tal-proġett direttament.

10.2.8 Dwar para. 9.4.8 il-Kunsillier Agius innota li minflok John għandu jinbidel l-isem għal Joe Cassar Naudi. Il-Kunsill qabel.

10.2.9 Il-minuti tal-laqgħa numru 10 ġew approvati b'mod unanimu u ffirmati mis-Sindku u mis-SE.

## 10.3 Kommunikazzjoni mis-Sindku

10.3.1 Is-Sindku staqsa lill-Kunsillier Baldacchino Cefai jekk ftakritx min ta l-ordni biex jinbidel il-kontenut tal-ittra ta' IM hekk kif imsemmija f'para. 9.3.1. Il-Kunsillier Baldacchino Cefai infurmat li ma kinitx taf u wriet kopja tal-ittra li kienet intbagħtet. Is-Sindku talabha biex issaqsi lis-SE preċedenti.

10.3.2 Dwar para. 9.3.10, il-Kunsillier Agius staqsa jekk kinitx saret il-laqgħa mas-sajjieda. Is-Sindku qal li s'issa għadha ma saritx.

10.3.3 Dwar para. 9.3.11, is-Sindku informa li kienet intbagħtet l-ittra lill-Ministru fejn il-Kunsill offra li l-*board room* tibda tintuża bħala għassa fuq bażi ta' 24 siegħa, 7 darbiet fil-ġimgħa.

10.3.4 Fir-rigward ta' para. 9.3.12, is-Sindku staqsa jekk kinitx ittieħdet xi azzjoni. Is-SE infurmat li kienet bagħtet it-talba tal-Kunsill għal *handyman/driver* lid-Diviżjoni tal-Gvern Lokali biex jinbeda l-proċess tal-ingaġġ.

10.3.5 Fir-rigward ta' para. 9.4.4, u għall-mistoqsija tas-Sindku, il-Kunsillier JC Borg informa li ma kienx kellu ċans jikkonferma kemm kienu se jitilgħu l-ispejjeż tal-mixgħela.

10.3.6 Fir-rigward ta' para. 9.4.8, is-Sindku talab li ssir diskussjoni dwar it-tismija tat-toroq u biex wieħed iżomm f'moħħu l-ismijiet li ssuġġerixxa l-Kunsillier JC Borg. Il-Kunsillier Agius issuġġerixxa wkoll Triq Melita iżda diġà kien hemm triq oħra b'dan l-isem. Il-Kunsillier Agius issuġġerixxa wkoll Triq il-Qalbiena Misidjani filwaqt li l-Viċi Sindku ssuġġeriet triq għal Dun Anton Caruana. Hawnhekk il-Kunsill kellu jissospendi l-laqgħa sabiex jiltaqa' mal-Liaison Officer tal-Imsida Creek Project.

10.3.6 B'kontinwazzjoni mal-para. 9.4.8, wara diskussjoni kien hemm qbil li jsiru suġġerimenti kif ġej: minflok parti minn Xatt l-Imsida (in-naħa tal-MUSEUM) tiġi msemmija għall-Professur John Rizzo Naudi; Triq il-Kunċizzjoni quddiem il-każin tal-banda tissemma' għas-Sur Joe Cassar Naudi; parti minn Misraħ il-Barrieri tissemma' għall-Qalbiena Misidjani.

10.3.67 Is-SE infurmat li f'ġimgħa u nofs li beda jingħata s-servizz il-ġdid tal-vann tal-komunità kien intuża diġà minn kważi 40 persuna kontra t-12-il persuna f'xahar li kien qed jilħaq bis-sistema l-antika. Meta tkellmet mas-sewwieq tal-vann, dan kien infurmaha wkoll li bis-sistema l-ġdida, kien tnaqqas ukoll il-ħin taċ-charging tal-vann minn 8 sigħat kuljum għal madwar sagħtejn. Dan juri li s-servizz diġà kien qed juri li huwa bil-ħafna aktar effettiv u ekonomiku mis-sistema l-antika li kien qed jitħaddem biha. Is-SE infurmat li kienu qed jinġabu kwotazzjonijiet għal tarġa.

10.3.8 Dwar para. 9.4.12, is-SE infurmat li l-arblu in kwistjoni kien qed iżomm fuqu servizzi tad-distribuzzjoni tal-elettriku tal-Enemalta kif ukoll servizzi ta' entitajiet oħra u għaldaqstant ma jistax jinqala'. Il-Kunsillier Chircop informa li kulma kien hemm cable wieħed u kien se jieħu ħsieb jgħaddilha ritratt biex tgħaddih lura lill-Enemalta.

10.3.9 Dwar il-pajp tal-ilma ta' quddiem il-każin tal-banda, is-SE infurmat li min-naħa tal-amministrazzjoni kienet qed tagħmel pressjoni mal-iżviluppatur biex ineħħi l-periklu mill-aktar fis possibbli.

10.3.10 Is-Sindku informa li l-ġurnata ta' qabel kien ġie mistieden jattendi għal laqgħa sabiex l-Imsida wkoll ikollha Kunsill tat-Tfal, fejn numru ta' tfal mil-lokal kienu se jintalbu joħorġu b'numru ta' suġġerimenti u jippreżentawhom lill-Kunsill wara sena ħidma. Il-Kunsillier Chircop issuġġerixxa li jintalbu joħorġu b'xi suġġerimenti għall-bandli l-ġodda filwaqt li s-Sindku ssuġġerixxa li jkunu parteċipi fil-kampanja tal-Kunsill kontra l-abbuż ta' skart.

10.3.11 Is-Sindku informa li l-bibita tal-Kunsill flimkien mal-għaqdiet se tinżamm nhar it-23 ta' Diċembru fis-2:30pm.

10.3.12 L-Ikla bejn il-kunsilliera u l-impjegati se tinżamm nhar l-10 ta' Jannar 2025. Is-Sindku fakkar li l-Kunsill jista' jħallas biss għall-istaff u l-kunsilliera u l-partners għandhom iħallsu huma.

10.3.13 Fir-rigward ta' para. 9.5.1, is-Sindku informa li filwaqt li s-SE tal-Kunsill kienet it-tieni waħda li talbet transfer minn Kunsill għal ieħor, sa dik il-ġimgħa stess kien għadu kif sar transfer ta' SE ieħor, mill-Kunsill Lokali ta' Birkirkara għall-Gżira.

10.3.14 Hawnhekk huwa semma' li waqt il-Laqgħa tas-Sindki li kien għadu kif attenda, kien ħareġ biċ-ċar kemm huwa diffiċli għal Kunsill Lokali li jiffunzjona bla SE fuq bażi full-time.

10.3.15 Is-Sindku informa li kien se jerġa' jagħmel tentattiv ieħor biex issir il-laqgħa mal-membri tal-banda.

10.3.16 Fir-rigward ta' para. 9.5.7, is-Sindku informa li l-iBins kienu tressqu minn Triq Victor Denaro għal Triq Indri Grima fis-Swatar. Madwarhom kien hemm għadd kbir ta' skart li ġentilment kien tneħħa u nġabar bla obbligu minn Clean Malta.

10.3.17 Is-Sindku fakkar lis-SE sabiex tagħmel l-arranġamenti mar-rappreżentant tal-BCRS sabiex titmexxa l-magna għal Triq Indri Grima wkoll. Magħha għandu jitniżżel ukoll wieħed mill-kontenituri tal-ħwejjeġ.

10.3.18 Għall-mistoqsija tas-Sindku dwar is-sistema tal-one way għal Triq l-Esperanto, is-SE infurmat li kienet għadha ma ħaditx azzjoni dwarha.

10.3.19 Is-Sindku informa li wara li l-Kunsill kien kiteb lill-Ministru Chris Bonett dwar il-każ ta' Triq Achille Ferris, kienet saret laqgħa mal-istakeholders kollha u jekk kollox imur sewwa, se ssir applikazzjoni għal struttura perikoluża. Il-ħsieb kien li t-triq ma tingħalaqx minn Triq M.A. Vassalli iżda li jsir scaffolding u għal nofs Jannar jibda x-xogħol neċessarju u jdum madwar 7 xhur. Is-Sindku informa li kien se jagħmel laqgħa oħra mar-residenti sabiex ma jkomplux bil-petizzjoni u mal-midja.

10.3.20 Fir-rigward ta' para. 9.5.13, is-Sindku informa li kien talab li l-Kunsill Lokali tal-Imsida jingħata sponsorship ta' €3000 bħalma ngħataw għadd ta' Kunsilli oħra.

## 10.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet mill-Kunsilliera

10.4.1 Għall-mistoqsija dwar para. 9.4.13, il-Kunsillier Agius staqsa jekk kienx hemm xi risposta. Is-SE skużat ruħha għaliex ma kellhiex ċans tiċċekkja dwarha minħabba li għamlet ġimgħa fejn kienet marida.

Dwar para. 9.4.15 u 9.4.16, is-SE infurmat lill-Kunsillier Agius li kienu ntbagħatu aktar kmieni dakinhar.

10.4.2 Dwar para. 9.4.17 il-Kunsillier Agius informa li kien tkellem mas-supervisor fejn din infurmatu li d-day centre qatt ma ngħalaq sakemm mhux għax jintalbu jagħmlu dan min-naħa tad-Dipartiment nhar ta' Erbgħa jew nhar ta' Ġimgħa. Il-Kunsillier Baldacchino Cefai infurmat li kienet qed tistenna risposta hi wkoll. Is-Sindku ssuġġerixxa li ċ-Ċentru ma għandu jingħalaq qatt anke jekk ikun hemm sports day etc.

10.4.3 Fir-rigward tal-para. 9.4.19, il-Viċi Sindku infurmat li r-rigali tal-anzjani huma lesti biex jinġabru mill-ħaddiema tal-Kunsill.

10.4.4 Dwar para. 9.5.17, ġie kkonfermat li l-bandli jistgħu jittieħdu min-nursery u jistgħu jieħdu wkoll xi bins u bankijiet. Ġie maqbul li l-bin forma ta' teddy bear għandu jiġi relokat għall-ġnien tas-Swatar. Fir-rigward tas-siġra, se jiġi vverifikat liema trid tiġi transplanted.

10.4.5 Għall-mistoqsija dwar para. 9.5.25, is-SE ikkonfermat li se tkun qed titlob parir lill-avukat.

## 10.5 Punti oħra ta' xogħol ieħor tal-Kunsill Lokali li jkunu meħtieġa

10.5.1 Il-Viċi Sindku infurmat li kellha talba mingħand sid ta' żewġ garaxxijiet fi Triq il-Kunċizzjoni biex issir kaxxa safra kbira minflok double yellow lines li hemm preżentament. Hawnhekk kien hawn diskussjoni dwar jekk il-Kunsill jistax jagħmel kaxex sofor quddiem il-garaxxijiet u s-SE spjegat il-proċedura kif jinġabu l-permessi minn TM u kif jitħaddem parkeġġ ta' kaxxa safra. Kien hemm qbil li jekk ir-resident jaqbel mal-kaxxa safra, il-Kunsill ma jsibx oġġezzjoni għaliha. Din wara li s-SE spjegat li diġà kien hemm kaxxi bojod u għaldaqstant it-triq hija wiesa' biżżejjed għal parkeġġ ta' vettura quddiem il-garaxxijiet.

10.5.2 Il-Kunsillier Farrugia informa li kienu ġew approvati sinjali ġodda ġewwa tax-Xmiexi fejn parti mill-parkeġġ se jsir fish-bone u għaldaqstant jiddaħħlu aktar parkeġġi. Kien ġie approvat ukoll parkeġġ quddiem residenza li ma kinitx użata.

10.5.3 Il-Kunsillier Farrugia informa wkoll li fi Triq Zamenhoff kien ġie approvat double yellow line minn TM minħabba li meta jkun hemm parkeġġ fuq iż-żewġ naħat tat-triq, kien qed jeħel it-traffiku kull meta tgħaddi vettura kbira.

10.5.4 Il-Kunsillier Farrugia talab lis-SE sabiex jinġabu kwotazzjonijiet biex inaddfu wara l-kelb.

10.5.5 Il-Kunsillier Farrugia informa li f'Jannar kien se jibda x-xogħol fuq Triq il-Kunċizzjoni minħabba li se tgħaddi katusa minn nofsu. Din kienet se tingħalaq għal ħames ġimgħat. Kienet se ssir talba biex isir pavimentar ġdid fit-triq mill-Gvern Ċentrali.

10.5.6 Il-Kunsillier Farrugia informa li fi Triq l-Għajn tal-Ħasselin kien se jinbeda x-xogħol ta' drenaġġ fil-bidu ta' Jannar 2025. Huwa qal li diġà saru l-arranġamenti neċessarji biex jitmexxa parkeġġ għal persuni b'diżabbilità fi triq viċin b'mod temporanju. Fir-rigward tal-parti fejn hemm ir-razzett, il-probabbilità hija li din hija tal-privat u għaldaqstant IM ikollhom jaqtgħu linja dritta skont il-linji mogħtija minn l-Awtorità tal-Ippjanar.

10.5.7 Il-Kunsillier Farrugia informa li kienet intbagħatet talba lill-Enemalta dwar arblu li hemm fi Triq Garcin. Kemm-il darba dawn jaċċettaw li jitneħħa setgħet titpoġġa pjanta kbira biex xorta ma jgħaddux vetturi.

10.5.8 Is-Sindku informa li l-problema tad-drenaġġ fi Triq Garcin kienet ġiet solvuta mill-kuntrattur ta' IM.

10.5.9 Il-Kunsillier Farrugia informa li wara lmenti li saru lil IM rigward xi ilma fi Triq Bordin din kienet ġiet solvuta.

10.5.10 Hawnhekk il-Kunsillier Agius informa li fi Triq il-Baċir kienet tpoġġiet pjanċa u qed tagħmel ħafna ħsejjes. Huwa ġie infurmat li l-Kunsill kien diġà wassal ħafna rapporti dwarha lil IM.

10.5.11 Il-Kunsillier Chircop informa li issa li l-car boot sale li jiġi organizzat mill-Każin tal-Banda ma jistax isir aktar ħdejn il-monument, kienet qed issir talba biex dan isir fis-service road ta' bejn l-Għassa u l-Knisja. Wara diskussjoni qasira, il-Kunsill qabel li m'hemmx oġġezzjoni sakemm isiru l-permessi neċessarji u ma jintużax spazju aktar mill-parkeġġi li hemm preżentament.

10.5.12 Il-Kunsillier Mallia ġibed l-attenzjoni li hemm bżonn li tiġi modifikata l-websajt tal-Kunsill.

10.5.13 Il-Kunsillier JC Borg wera t-tħassib tiegħu dwar il-problema tat-traffiku li hemm fi Triq San Alwiġi. Is-Sindku ssuġġerixxa li jsiru traffic lights fuq iż-żewġ naħat u għaldaqstant kien hemm qbil li tintalab permess u gwida mingħand TM.

10.5.14 Il-Kunsillier JC Borg talab biex tintbagħat ittra minħabba li fejn sar l-iscaffolding madwar l-għassa tal-pulizija, ma tħallix aċċess għal persuna b'*wheel-chair*. Il-Kunsill qabel.

10.5.15 Hawnhekk is-Sindku ressaq għad-diskussjoni rapport li kien tħejja mill-uffiċċju rigward problemi varji ta' parkeġġ:

a) Parkeġġ riservat quddiem il-binja tal-Kunsill: Kien hemm qbil minn 6 kunsilliera li ssir talba lil TM biex dan isir *timed parking* għal massimu ta' 30 minuta bejn it-8am u l-4pm mit-Tnejn sal-Ġimgħa u mit-8am sal-11:30am kull nhar ta' Sibt sabiex jintuża għal min jiġi jinqeda mill-uffiċċju tal-Kunsill. Il-Viċi Sindku, il-Kunsillier Chirchop u l-Kunsillier Borg ma qablux ma' din id-deċiżjoni.
b) Implimentazzjoni ta' road hump fi Triq San Alwiġi: Is-Sindku informa li kienu ressqulu din it-talba imma kien jaqbel li l-ewwel inwasslu t-talba tagħna lil TM dwar il-bżonn li jiġu installati traffic lights u din għandha terġa' tiġi diskussa aktar 'il quddiem.
c) Talba għal road hump fi Triq il-Kunċizzjoni qabel il-parkeġġ ta' ħdejn il-ġibjun: Il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni. Se ssir talba ma' TM.
d) Twaħħil ta' bollards fi Triq Misraħ il-Barrieri: Is-SE ġibdet l-attenzjoni li idealment ma jsirux bollards għaliex jekk wieħed jaħbat magħhom jista' jitlob kumpens lill-Kunsill Lokali. Għaldaqstant issuġġeriet li minflok tagħmel talba permezz tas-sistema tal-framework biex titkabbar il-bankina u jsiru stoppers mal-art. Il-Kunsill qabel mas-suġġeriment.
e) Talba għall-installazzjoni ta' bollards fi Triq il-Wied tal-Imsida quddiem Form: Il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni u se ssir talba lil TM u lil IM.
f) Traffic lights fi Triq San Alwiġi – diġà ġiet diskussa u maqbula.
g) Talba għal tneħħija ta' double yellow line fi Triq il-Kunċizzjoni u mmarkar ta' kaxxa safra quddiem il-garaxxijiet: Diġà ġiet diskussa f'para. 10.5.1.

10.5.16 Dwar para. 9.4.18, is-SE infurmat li l-kwotazzjoni li nġabet mill-Kunsill kienet intbagħtet lill-kuntrattur. S'issa ma kienx hemm risposta lura.

10.5.17 Dwar para. 9.4.21, is-SE infurmat li aktar tard dik il-ġimgħa hi u l-Kunsillier Farrugia kienu se jattendu għal laqgħa mal-Perit tax-Xogħlijiet Pubbliċi dwar il-bankina ta' Triq Clarence.

10.5.18 Dwar para. 9.4.23, dwar il-visiting cards u t-tags, is-SE infurmat li l-cards kienu għaddew għand il-Kunsilliera.

## 10.6 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tar-rapporti

10.6.1 Ma kienx hemm preżentazzjoni ta' rapporti.

## 10.7 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti

10.7.1 Il-Kunsill approva l-lista tal-pagamenti (Skeda Nru. K9-10), kopja tagħha mehmuża. Il-Kunsillier Chris proponiet l-approvazzjoni filwaqt li l-Kunsillier Nicholas issekonda u għaldaqstant il-lista tal-pagamenti ġiet iffimata mis-Sindku u mis-SE.

## 10.8 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss

10.8.1 Il-laqgħa ntemmet fid-8:45pm u kien hemm qbil li s-seduta li jmiss tinżamm nhar it-Tlieta ta' 21 Jannar 2025 fil-5pm.

| | |
|---|---|
| **IFFIRMATA** | **IFFIRMATA** |
| Charles Selvaggi | Josette Micallef |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |

**Anness 1 - Laqgħa mas-Sur Ryan Mercieca, Liaison Officer – Msida Creek Project**

Il-Kunsill issospenda l-laqgħa temporanjament sabiex jisma' r-rapport mingħand is-Sur Ryan Mercieca. Il-ħin kien is-6:15pm.

Dwar il-parkeġġ il-ġdid fi Triq Clarence, kien hemm qbil li jsiru tabelli li huwa għall-użu tar-residenti tal-Imsida imma li għandu jkun hemm limitu ta' ħin u tabella oħra li tgħid li ma jistgħux jipparkjaw vetturi kummerċjali. Kien hemm qbil ukoll li l-uffiċċjali għandhom jidħlu jiċċekkjaw.

Kien hemm talba biex jeħlu tabelli fi Triq Clarence minħabba li fiż-żona hemm il-qtates. Kien hemm qbil li għandhom isiru mill-Kunsill Lokali.

Hawnhekk kien hawn diskussjoni minħabba storbju li qed isir matul ix-xogħlijiet u li qed jaffettwa lil min joqgħod wara l-każin tal-PL. Min-naħa ta' IM kienu avżaw li qed jimxu mar-regoli tal-BCA u li waħda mill-kundizzjonijiet kienet tispeċifika li ma jintużax il-martell iżda jintuża biss il-bucket.

Is-Sur Mercieca rrimarka li min-naħa ta' IM infurmawh li m'għandhom ebda informazzjoni dwar il-festa tal-Imsida. Għaldaqstant talbu li ssir laqgħa ma' rappreżentant. Wara diskussjoni u fuq rakkomandazzjoni tal-kunsillier JC Borg kien hemm qbil li f'din il-laqgħa għandhom jiġu inklużi rappreżentant tal-Banda, ieħor tan-nar u ieħor tal-armar, rappreżentant tal-ġostra kif ukoll l-Arċipriet flimkien ma' membri tal-Kunsill. Kien hemm qbil li ssir laqgħa anke mal-Kunsill għaliex il-Kunsill diġà kien għadda l-informazzjoni kollha. Hawnhekk kien hemm qbil li fil-fatt kull għaqda kienet tathom l-informazzjoni.

Fuq rakkomandazzjoni tal-Kunsillier JC Borg kien hemm qbil li jekk sal-festa ma jsirx post fejn isir l-arblu tal-ġostra, IM għandha taċċerta li jkun hemm barkun imħallas minnhom. Sadanittant is-Sindku informa li l-arblu kellu jitmexxa mill-kuntrattur tal-IM għal ħdejn il-monument.

Dwar il-luzzu huwa kien staqsa jekk hux se jkollu xi tip ta' kanupew fuqu biex ma jixxarrabx iżda infurmawh li se jkun imdawwar bil-landscaping u għaldaqstant ma jmurx li jkun mgħotti.

Is-Sur Cefai Mercieca informa li l-uffiċini tal-periti tal-proġett huma dawk ta' quddiem il-BOV filwaqt li dawk ta' ħdejn il-monument huma welfare facilities.

IM kienu qed jinsistu li jibqgħu għaddejjin bix-xogħlijiet matul iż-żmien ta' festi iżda fuq suġġeriment tas-Sindku kien hemm qbil unanimu li dawn għandhom jintalbu jieqfu mix-xogħol kollu nhar l-24 u 25, 31 ta' Diċembru u 1 ta' Jannar.

Huwa informa li fis-Centre strip kienu sabu cables tal-Enemalta. Il-kuntrattur intalab jagħmel Works Method Statement (WMS) min-naħa tal-SCH biex jaraw kif se jkomplu x-xogħlijiet. Huwa qal li għaldaqstant l-ewwel kienu se jsiru cables ġodda u mbaghad jinqatgħu l-cables il-qodma.

Ix-xogħol ta' quddiem il-Kunsill huwa *exposing of cables*. Qed ikissru biex jaraw x'se jsibu għax hemmhekk ġejja l-ewwel kolonna tal-flyover. Hawnhekk il-Kunsillier Agius informa li l-Kunsill kien ġibed l-attenzjoni li kien għaddej cable min-nofs ta' triq.

Is-Sindku ġibed l-attenzjoni li mhux aċċettabbli li għat-tieni darba l-kuntrattur kien reġa' waddab lin-nies bil-mixi fit-triq. Is-Sindku saħaq li għandu jkun hemm rappreżentant ta' IM f'kull ħin on site.

Il-Liaison Officer informa li uħud mis-sigar li nqalgħu kienu tħawlu ħdejn il-ġibjun.

Il-passaġġ tan-naħa tal-knisja kien se jsir l-għada iżda l-parkeġġi ta' quddiem il-knisja mhux se jitneħħew.

Il-Liaison Officer staqsa x'jista' jsir biex jinġabar l-iskart mill-uffiċini. Is-SE talbitu biex jiddiskutu dwar dan il-punt sabiex tagħmel arranġament mal-kuntrattur tar-reġjun jew ma' Clean Malta.

Huwa informa li minn wara l-festi, se jkun hemm immaniġġjar tat-traffiku ġdid li se jaffettwa l-area ta' fejn il-monument. Minflok 4 lines se jigu 2 biss quddiem il-Kunsill u għal tas-Sliema wieħed se jibda jgħaddi minn ħdejn il-monument fejn se jsiru wkoll traffic lights ġodda. Dan ix-xogħol se jdum numru ta' xhur. Min-naħa tal-Kunsill talab li jingħata time frames tax-xogħlijiet minħabba li jidher li l-fażijiet tax-xogħol qed isiru b'mod differenti milli ġie infurmat il-Kunsill. Fil-fatt il-Kunsill kien qed juri l-inkwiet tiegħu li għall-festa ma jkunux lesti.

Il-Kunsillier Agius informa li fil-passaġġ temporanju ma tħallix biżżejjed spazju biex jgħaddi wheelchair.

Is-Sur Cefai Mercieca informa li nhar il-15 ta' Jannar se ssir id-demolizzjoni tal-boċċi club.

Il-Kunsillier Agius ġibed l-attenzjoni li fil-passat, kien tneħħa fanal minn TM u qatt ma twaħħal lura.

Il-Liaison Officer informa li kien ġie mitlub jinfurma lil IM x'se jinżamm jew x'se jintrama'. Kien hemm qbil li l-affarijiet huma kollha parti mill-inventarju tal-Kunsill u għaldaqstant IM ma jistgħux jaqbdu u jarmu. Sadanittant kien hemm qbil li l-bandli se jingħataw lin-nursery.

Huwa qal li skont dak li jista' jifhem hu, il-kuntrattur qed jitlob time-frames imma IM mhux ituh commitments.

Kien hemm qbil fuq suġġeriment tas-Sindku biex Triq Falzon tinbidel id-direzzjoni 'l fuq flok 'l isfel.

Hawnhekk sar ukoll suġġeriment biex IM jintalbu jikkunsidraw li jkun hemm xi mezz kif wieħed idur lejn Birkirkara meta jkun ġej minn ħdejn Busy Bee u minn Regional Road.

Kien hemm qbil li l-Liaision Officer għandu jitlob li ssir laqgħa fuq il-post mal-Perit u niddiskutu xi emendi ġodda għat-traffic management fl-Imsida.

Il-laqgħa spiċċat fis-7:15pm.

******